MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
CHARMAINE GALEA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 259/2012

**Prof. Kenneth Wain fil-kapacita tieghu bhala Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji**

**Vs**

**Alexandra Pace detentrici tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 496777M in rapprezentanza tal-organizzazzjoni No.68 (VO/0288).**

It-Tribunal,

Ra r-Rikors ipprezentat mill-Prof. Kenneth Wain fil-kapacita` tieghu bhala Kummissarju ghal Organizzazjonijiet Volontarji permezz ta' liema talab lil dan it-Tribunal jordna t-thassir ta' l-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni konvenuta bil-hrug ta' Ordni ta' Thassir ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-organizzazzjoni konvenuta qieghdha tonqos milli tosserva d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet

Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), A.L. 73 tal-2012.

Ra illi l-intimata nomine ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata.

Ra l-atti kollha;

Ra il-verbal tal-4 ta’ Frar 2013 fejn il-partijiet infurmaw lit-Tribunal illi l-intimata xtaqet taghmel il-procedura mehtiega tat-terminazzjoni u kancellament tal-organizzazzjoni volontarja in kwisjtoni.

Ra illi fis-seduta tas-6 ta’ Jannar 2014, l-intimata nomine pprezentat nota ta’ ammissjoni u wkoll irritornat lura c-*certificate of enrolment* tal-organizzazzjoni in kwistjoni.

Illi in vista tas-*suddetta* ammissjoni dan it-Tribunal m’ghandu l-ebda alternattiva hlief li jilqa’ t-talba tar-rikorrent nomine.

**DECIDE**

Illi it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi illi, fuq ammissjoni da parti ta’ Alexandra Pace in rapprezentanza tal-organizzazzjoni No. 68 (VO/0288), it-talba tal-Prof. Kenneth Wain fil-kapacita tieghu bhala Kummissarju ghal Organizzazjonijiet Volontarji tidher gustifikata u t-Tribunal ghalhekk qed jilqaghha u jordna t-thassir ta’ l-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni intimata No. 68 bil-hrug ta’ Ordni ta’ Thassir ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi l-organizzazzjoni konvenuta naqset milli tosserva d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), A.L. 73 tal-2012.

Bl-ispejjez kontra l-intimata nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------